MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2012

Numru. 465/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Luke Bonello]**

**vs**

**Dashenka Sultana**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Dashenka Sultana detentrici tal-karta tal-identita` numru 276494(M).

Akkuzata talli, nhar l-1 ta' Mejju 2012, bejn l-10:00 a.m. u 15:30 pm, gewwa San Giljan:
1. Ikkomettiet serq ta' €185, liema serq huwa kkwalifiakt bil-persuna, liema valur tal-oggett misruq ma jeccedix il-mitejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-detriment ta' Michelle Bauer;
2. Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema l-ammont tal-hsara ma jikorrix it-tlieta u ghoxrin Ewro u

disgha u ghoxrin centezmu (23.29), ghad-detrment ta’ Michelle Bauer.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Il-Fedina Penali tal-imputata li hija wahda netta; u

Rat l-ammissjoni tal-imputata ghall-akkuzi kif dedotti kontriha u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista’ tirregola ruhha.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 17(b), 31, 264 u 268 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputata Dashenka Sultana hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum, u bil-kundizjzoni li sa ghada filghodu tirritorna s-somma ta’ mija u hamsa u tletin Ewro (€135) lill-parte civile.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------